32006R1285

L 235/8 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 30.8.2006

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1285/2006

## tad-29 ta' Awwissu 2006

## li jiftaħ il-proċedura għall-allokazzjoni ta' liċenzji għall-esportazzjoni ta' ġobon biex jiġi esportat lejn l-Istati Uniti tal-Amerika fl-2007 skont ċerti kwoti tal-GATT

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib[1], b'mod partikolari l-Artikolu 30 tiegħu,

Billi:

(1) It-Taqsima 2 tal-Kapitolu III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1282/2006 ta' tas-17 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli speċjali ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 fir-rigward ta' liċenzji għall-esportazzjoni u r-rifużjonijiet tal-esportazzjoni tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib[2], tipprovdi li l-liċenzji għall-esportazzjoni tal-ġobon esportat lejn l-Istati Uniti tal-Amerika bħala parti mill-kwoti skont il-ftehimiet konklużi waqt negozjati kummerċjali multilaterali, jistgħu jiġu allokati f'konformità ma' proċedura speċjali prevista fiha.

(2) Dik il-proċedura għandha tinfetaħ għall-esportazzjonijiet matul l-2007 u r-regoli addizzjonali marbuta magħha għandhom ikunu stabbiliti.

(3) Fl-amministrazzjoni tal-importazzjonijiet, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Uniti għandhom jagħmlu distinzjoni bejn il-kwota addizzjonali mogħtija lill-Komunità Ewropea skont in-Negozjati Kummerċjali tal-Urugwaj u l-kwoti li rriżultaw min-Negozjati Kummerċjali ta' Tokjo. Il-liċenzji tal-esportazzjoni għandhom jiġu allokati waqt li titqies l-eliġibbiltà ta' dawk il-prodotti għall-kwota tal-Istati Uniti kkonċernati, kif deskritt fl-Iskeda ta' Tariffi Armonizzati tal-Istati Uniti tal-Amerika.

---

[1] ĠU L 160, 26.6.1999, p. 48. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2005 (ĠU L 307, 25.11.2005, p. 2).

[2] ĠU L 234, 29.8.2006, p. 4.

(4) Sabiex tiġi esportata l-kwantità massima skont il-kwoti li għalihom hemm interess moderat, għandhom jiġu awtorizzati l-applikazzjonijiet li jkopru l-kwantità kollha tal-kwota.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija tal-Ħalib u l-Prodotti tal-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-liċenzji għall-esportazzjoni ta' prodotti li jaqgħu fl-ambitu tal-Kodiċi NM 0406 u li huma elenkati fl-Anness I għal dan ir-Regolament, li għandhom jiġu esportati lejn l-Istati Uniti tal-Amerika fl-2007 skont il-kwoti msemmija fl-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru …/2006, għandhom jinħarġu skont it-Taqsima 2 tal-Kapitolu III ta' dak ir-Regolament u bid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

1. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji msemmija fl-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru …/2006 (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"applikazzjonijiet") għandhom jiġu ddepożitati għand l-awtoritajiet kompetenti mhux aktar tard mill-[1 sas-7 ta' Settembru 2006].

2. L-applikazzjonijiet għandhom ikunu ammissibbi biss jekk ikun fihom l-informazzjoni kollha msemmija fl-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru .../2006 u jekk ikunu akkumpanjati mid-dokumenti msemmija fih.

   Fejn, għall-istess grupp ta' prodotti msemmija fil-kolonna 2 tal-Anness I għal dan ir-Regolament il-kwantità disponibbli tkun maqsuma bejn il-kwota tan-Negozjati Kummerċjali tal-Urugwaj u dik tan-Negozjati Kummerċjali ta' Tokjo, l-applikazzjonijiet għal-liċenzji jistgħu jkopru biss waħda minn dawk il-kwoti u għandhom jindikaw il-kwota kkonċernata, billi jispeċifikaw l-identifikazzjoni tal-grupp u tal-kwota indikata fil-kolonna 3 ta' dak l-Anness.

   L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru …/2006 għandha tkun ippreżentata skont il-mudell stabbilit fl-Anness II għal dan ir-Regolament.

3. Fir-rigward tal-kwoti identifikati minn Tokyo-22 u Uruguay-22 fil-kolonna 3 tal-Anness I, l-applikazzjonijiet għandhom ikopru tal-anqas 10 tunnellati u m'għandhomx jaqbżu l-kwantità disponibbli taħt il-kwota kkonċernata kif stipulat fil-kolonna 4 ta' dak l-Anness.

   Fir-rigward tal-kwoti l-oħra indikati fil-kolonna 3 tal-Anness I, l-applikazzjonijiet għandhom ikopru tal-anqas 10 tunnellati u mhux aktar minn 40 % tal-kwantità disponibbli taħt il-kwota kkonċernata kif stipulat fil-kolonna 4 ta' dak l-Anness.

4. L-applikazzjonijiet għandhom ikunu ammissibbli biss jekk l-applikanti jiddikjaraw bil-miktub li ma jkunu ddepożitaw l-ebda applikazzjoni oħra għall-istess grupp ta' prodotti u l-istess kwota u li jaċċettaw li ma jagħmlux dan.

Jekk applikant jiddepożita diversi applikazzjonijiet għall-istess grupp ta' prodotti u l-istess kwota fi Stat Membru wieħed jew aktar, l-applikazzjonijiet kollha tiegħu għandhom jitqiesu bħala inammissibbli.

*Artikolu 3*

1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol wara li jispiċċa l-perjodu li fih ikunu jistgħu jiġu ddepożitati l-applikazzjonijiet, dwar l-applikazzjonijiet imressqa għal kull grupp ta' prodotti u, fejn applikabbli, il-kwoti indikati fl-Anness I.

In-notifiki kollha, inklużi n-notifiki "nulli", għandhom isiru permezz ta' faks jew posta elettronika fuq il-formola mudell li tidher fl-Anness III.

2. In-notifika għandha tinkludi għal kull grupp, u fejn applikabbli, għal kull kwota:

a) lista tal-applikanti,

b) il-kwantitajiet li kull applikant ikun applika għalihom, imqassma skont il-kodiċi tal-prodott tan-Nomenklatura Magħquda u skont il-kodiċi tagħhom f'konformità mal-Iskeda ta' Tariffi Armonizzati tal-Istati Uniti ta' l-Amerika (2006),

c) indikazzjoni li l-applikant ikun esporta l-prodotti kkonċernati lejn l-Istati Uniti tal-Amerika matul minn tal-anqas waħda mit-tliet snin preċedenti,

d) l-isem u l-indirizz tal-importatur magħżul mill-applikant u l-konferma li l-importatur huwa s-sussidjarju tal-applikant.

*Artikolu 4*

Il-Kummissjoni, skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 1282/2006, għandha tistabbilixxi l-allokazzjoni tal-liċenzji mingħajr dewmien u għandha tinnotifika lill-Istati Membri dwar dan sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 2006.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol wara l-pubblikazzjoni tal-koeffiċjenti tal-allokazzjoni, dwar il-kwantitajiet allokati mill-applikant għal kull grupp, u fejn applikabbli, għal kull kwota, skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) 1282/2006.

In-notifika għandha ssir permezz tal-faks jew posta elettronika fuq il-formola mudell li tidher fl-Anness IV ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 5*

L-informazzjoni nnotifikata skont l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 1282/2006 għandha tkun ivverifikata mill-Istati Membri qabel ma jinħarġu l-liċenzji u sa mhux aktar tard mill-15 ta' Diċembru 2006.

Jekk jinstab li operatur li tkun inħarġitlu liċenzja jkun forna informazzjoni żbaljata, il-liċenzja għandha titħassar u tintilef il-garanzija. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw dan lill-Kummissjoni mingħajr dewmien.

*Artikolu 6*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 29 ta' Awwissu 2006.

*Għall-Kummissjoni*
*Mariann FISCHER BOEL*
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

**Ġobon għall-esportazzjoni lejn l-Istati Uniti tal-Amerika fl-2007 skont ċerti kwoti tal-GATT**

Sezzjoni 2 tal-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1282/2006 u r-Regolament (KE) Nru 1285/2006

| Identifikazzjoni tal-grupp skont in-Noti Addizzjonali fil-Kapitolu 4 tal-Iskeda Armonizzata tat-Tariffa tal-Istati Uniti tal-Amerika | | Identifikazzjoni tal-grupp u l-kwota | Kwantita disponibbli għall-2007 tunnellati |
|---|---|---|---|
| Nota għal | Grupp | | |
| (1) | (2) | (3) | (4) |
| 16 | Mhux speċifikament provdut (NSPF) | 16 - Tokjo | 908,877 |
| | | 16 - Urugwaj | 3 446,000 |
| 17 | Tat-Tursina (Blue Mould) | 17 | 350,000 |
| 18 | Cheddar | 18 | 1 050,000 |
| 20 | Edam/Gouda | 20 | 1 100,000 |
| 21 | Tip Taljan | 21 | 2 025,000 |
| 22 | Ġobon Żvizzeru jew Emmenthaler għajr dak bil-formazzjoni tal-għajn | 22 - Tokjo | 393,006 |
| | | 22 - Urugwaj | 380,000 |
| 25 | Ġobon Żvizzeru jew Emmenthaler bil-formazzjoni tal-għajn | 25 - Tokjo | 4 003,172 |
| | | 25 - Urugwaj | 2 420,000 |

*ANNESS II*

## Preżentazzjoni ta' informazzjoni rikjesta skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 1282/2006

Identifikazzjoni tal-grupp u l-kwota msemmija fil-kolonna 3 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1282/2006 :

Isem il-grupp indikat fil-kolonna 2 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1282/2006 : ……

Oriġini tal-kwota Fażi tal-Urugwaj : ☐ Fażi ta' Tokjo: ☐

| L-isem/l-indirizz tal-applikant | Kodiċi tal-Prodott tan-Nomenklatura Magħquda | Kwantita tal-applikazzjoni f'tunnellati | Kodiċi tal-Iskeda Armonizzata tat-Tariffa tal-Istati Uniti tal-Amerika | L-isem/l-indirizz tal-importatur dežinjat | Informazzjoni rikjesta skont l-Artikolu 24(3) tar-Regolament (KE) Nru 1282/2006 | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Esportazzjonijiet f'tal-anqas waħda mill-aħħar 3 snin | L-importatur huwa sussidjarju |
| | | | | | Iva ☐ | Iva ☐ |
| | | | | | Iva ☐ | |
| | | | | | Iva ☐ | |
| | Total : | | | | | |

*ANNESS III*

## Preżentazzjoni ta' informazzjoni rikjesta skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru ….

Identifikazzjoni tal-grupp u l-kwota msemmija fil-kolonna 3 tal-Anness I g?ar-Regolament (KE) Nru 1282/2006 :

Isem il-grupp indikat fil-kolonna 2 tal-Anness I g?ar-Regolament (KE) Nru 1282/2006 : ……

Ori?ini tal-kwota Faži tal-Urugwaj : ☐ Faži ta' Tokjo: | ☐

| Nru | L-isem/l-indirizz tal-applikant | Kodi?i tal-Prodott tan-Nomenklatura Mag?quda | Kwantita tal-applikazzjoni f'tunnellati | Kodi?i tal-Iskeda Armonizzata tat-Tariffa tal-Istati Uniti tal-Amerika | L-isem/l-indirizz tal-importatur dežinjat | Informazzjoni rikjesta skont l-Artikolu 24(3) tar-Regolament (KE) Nru 1282/2006 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Esportazzjonijiet f'tal-anqas wa?da mill-a??ar 3 snin | L-importatur huwa sussidjarju |
| 1 | | | | | | Iva ☐ | Iva ☐ |
| | | | | | | Iva ☐ | |
| | | | | | | Iva ☐ | |
| | | Total : | | | | | |
| 2 | | | | | | Iva ☐ | Iva ☐ |
| | | | | | | Iva ☐ | |
| | | | | | | Iva ☐ | |
| | | Total : | | | | | |
| 3 | | | | | | Iva ☐ | Iva ☐ |
| | | | | | | Iva ☐ | |
| | | | | | | Iva ☐ | |
| | | Total : | | | | | |
| 4 | | | | | | Iva ☐ | Iva ☐ |
| | | | | | | Iva ☐ | |
| | | | | | | Iva ☐ | |
| | | Total : | | | | | |
| 5 | | | | | | Iva ☐ | Iva ☐ |
| | | | | | | Iva ☐ | |
| | | | | | | Iva ☐ | |
| | | Total : | | | | | |

*ANNESS IV*

## Preżentazzjoni ta' informazzjoni rikjesta skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 1282/2006

| Identifikazzjoni tal-grupp u l-kwota msemmija fil-kolonna 3 tal-Anness I g?ar-Regolament (KE) Nru 1282/2006 : | Origin of the quota | L-isem/l-indirizz tal-applikant | Kodi?i tal-Prodott tan-Nomenklatura Mag?quda | Kwantita tal-applikazzjoni *f'tunnellati* | L-isem/l-indirizz tal-importatur dežinjat | Kwantita allokata ([1]) *f'tunnellati* |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Faži tal-Urugwaj ☐ | | | | | |
| | Faži ta' Tokjo ☐ | | | | | |
| | | Total : | | | Total : | |
| | Faži tal-Urugwaj ☐ | | | | | |
| | Faži ta' Tokjo ☐ | | | | | |
| | | Total : | | | Total : | |
| | Faži tal-Urugwaj ☐ | | | | | |
| | Faži ta' Tokjo ☐ | | | | | |
| | | Total : | | | Total : | |
| | Faži tal-Urugwaj ☐ | | | | | |
| | Faži ta' Tokjo ☐ | | | | | |
| | | Total : | | | Total : | |
| | Faži tal-Urugwaj ☐ | | | | | |
| | Faži ta' Tokjo ☐ | | | | | |
| | | Total : | | | Total : | |

([1]) : Kwantitajiet allokati bil-polza g?andhom jitqassmu fost il-kodi?ijiet individwali tan-NM bi proporzjon g?all-kwantitajiet tal-prodott skont il-kodi?ijiet tan-NM li g?alihom tkun saret applikazzjoni